MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 389/2001/1

**Nicholas u Tessie konjugi Gauci**

**Vs**

**Stephen Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess atturi s-somma ta' seba' mija u sebgha liri Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm707.83) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti dovuti mill-konvenut lill-atturi in linea ta' danni – mill-konvenut ikkagunati – in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara fi Triq San Anard, Bulebel, Zejtun fit-30 ta' Novembru 2000 bejn il-vettura Numru ta' Registrazzjoni BGY-027 misjuqa mill-konvenut u l-vettura Numru ta' Registrazzjoni NIC-168 appartenenti lill-atturi u misjuqa minn Nicholas Gauci – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident u danni

sofferti mill-atturi l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba impurdenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri bonarji tat-2 u 29 ta' Jannar, 2001, tal-ufficjali tas-6 ta' April, 2001 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata ma l-avviz ghan-notifika tas-socjeta' assiguratrici tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mis-6 ta' April, 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 7 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. It-talba tal-atturi ghal dikjarazzjoni ta' responsabilta tal-eccipjenti ghall-incident de quo ghandha tkun michuda stante li dan l-istess incident ma sehhx htija tal-eccipjent, izda gara tort tal-attur Nicholas Gauci nnifsu.
2. Isegwi ghalhekk li t-talba tal-atturi ghall-hlas ta' danni ghandha tkun respinta billi ma hemmx danni x'jithallsu lill-atturi.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni fil-qasir da parti tad-difensur tal-attur kif ukoll rat in-noti sottomessi mill-partijiet (fol 48 u fol 58 rispettivament).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>PS 808 Nazzareno Sammut</u> (fol 20 et seq ibid) li investiga dan il-kaz u irrediga r-<u>rapport</u> relattiv flimkien mal-<u>iskizz skalat</u> esebiti a fol 22 u fol 25 tal-atti, spjega li dan l-incident gara f'Triq San Anard li minn Bieb Hompesch tghaddi mill-fabbriki f'Ta' Buleben sakemm tasal f'Triq tal-Barrani, fil-limiti taz-Zejtun. Fil-vicinanzi tal-istess incident u kif evidenzjat mill-istess skizz hemm linja bajda medjana kontinwa li taqsam fl-istess triq fi tnejn hlief f'parti wahda sabiex vettura gejja mid-direzzjoni tal-istess bieb, tista ddur lejn il-lemin u tidhol fis-'service road' hemm murija. Fuq l-istess skizz hemm indikati z-zewg

vetturi involuti ossija dik misjuqa mill-attur bin-numru NIC168 u dik uzata mill-konvenut bin-numru BSY 027. Jigi notat, ulterjorment li immedjatament wara l-vettura misjuqa mill-konvenut hemm zewg marki ta' 'brakes' twal hamsa u ghoxrin metri (25M). B'referenza ghall-istess rapport, hemm imnizzel li l-attur kien stqarr "….. switched the indicator to turn right into the service road and while turning I heard the brakes of car …." Waqt li l-konvenut sahaq illi kien qed jsuq fl-istess direzzjoni u wara l-vettura misjuqa mill-attur u "…. I tried to overtake car no. NIC 168 and while overtaking its driver switched the indicator turned …..".

Ikkunsidrat

Illi l-attur meta xehed (fol 26 et seq ibid) sostna illi qabel ma kien ser jesegwixxi l-manuvra kif deskrita, hu kien xeghel l-'indicator' lejn il-lemin oltre li kien hares kemm quddiemu, kemm lura, permezz tal-mera laterali u interna u hawnhekk beda jdur lejn il-lemin meta l-vettura tieghu kienet mal-imsemmija linja medjana ('…. Fuq in-naha ta' barra tat-triq'). Kif il-vettura tieghu "….. qabzet diga kollha kemm hi l-linja medjata', hu sema' hoss ta' 'brake' kbir gej warajh u l-istess vettura ntlaqtet "… fuq il-mudguard ta' wara tal-lemin'. L-attur issottolinea illi wara l-karozza tieghu, madwar mija u hamsin metri tinsab 'blind corner' waqt li l-incident in esami kien gara meta kien di gja dalam u hu kellu id-dwal tal-vettura tieghu mixghulin (ara ukoll ix-xhieda tal-attrici a fol 29 et seq ibid u l-ircevuti esebiti minnha a fol 32 sa fol 37 ibid oltre s-'survey report' a fol 39 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 41 et seq ibid) sostna li hu, kif ukoll l-attur, kienu qed jsuqu fuq l-istess 'lane' cjoe dik interna ("... fuq dak ta' gewwa, ta' mal-bankina' b'dik tal-attur fuq quddiem. Meta ra hekk hu ddecieda, kif filfatt ghamel, illi hu "…. Naqla' ghal lane ta' barra u nghaddih". Pero', skond dejjem l-istess konvenut, "…. Kif gejt esattament mal-vettura l-ohra, l-iehor xeghel l-'indicator' …. (meta) jiena kont kwazi ma genbu 'u ghalhekk hu ghamel

tentattiv sabiex jevita lill-iehor billi mar u saq lejn il-lemin oltre li ghafas il-'brake'. Hu kompla jghid illi kien qed jsuq b'velocita ta' madwar sittin (60) kilometru fis-siegha.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-premess, il-Qorti hi rinfaccjata b'zewg versjonijiet kontrastanti bejniethom u ghalhekk esaminat dik li tista' tigi deskritta bhala l-unika prova oggettiva u indipendenti mill-istess partijiet cjoe l-iskizz imsemmi u li ma giex kontestat mill-istess partijiet. Hawnhekk il-Qorti nnotat il-'brake marks' immedjatament wara l-vettura misjuqa mill-konvenut. L-istess marki, filfatt, jibdew esattament vicin il-linja medjata tat-triq u jaqsmu b'mod angolat, l-istess linja u jieqfu esattament wara l-vettura tal-konvenut, fuq in-naha l-ohra tat-triq. A basi ta' dan il-fatt, wiehed jista jikkonkludi li l-vettura uzata mill-konvenut kienet qed tinsaq ma gemb il-linja medjana msemmija u mhux kif sostna l-konvenut mal-bankina fuq in-naha ta' gewwa tal-istess triq. Dan il-fatt jindika, fuq basi ta' probabilta', li l-istess konvenut kien ser jesegwixxi sorpass tal-vettura misjuqa mill-attur, b'nuqqas ta' attenzjoni u b'mod azzardat waqt li l-attur, wera l-intenzjoni tieghu illi ser jsuq lejn il-lemin billi xeghel l-indicator waqt li kien ma genb il-linja medjana tal-istess triq.

Illi ghalhekk, il-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghal dan l-incident.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-'quantum' ta' danni, l-attrici, kif di gja inghad esebiet l-imsemmija ircevuti li ma gewx kontestati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u 1. Tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-trafifku da parti tieghu; 2.tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm707.83,0 u; 3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-atturi s-somma ta' Lm707.83,0 bl-imghax legali mis-6 ta' April 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes

inkluzi dawk tal-ittri bonarji tat-2 u tad-29 ta’ Jannar 2001 u ta’ dawk ufficjali tas-6 ta’ April 2001 u tat-2 ta’ Mejju, 2001, imsemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------